# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 59/2011/2 JVC**

**Raymond Galea f'ismu proprju u f'isem l-assenti Joseph Galea, Mario Galea, Josephine Grima, Marianna Galea, Victoria Axiaq, Judith Azzopardi**

**v.**

**Peter Paul Galea**

**Il-Qorti:**

1. L-atturi għamlu din l-azzjoni kontra ħuhom il-konvenut (l-uniku eredi ta' ommhom Carmela) fejn talbu l-likwidazzjoni tal-assi tagħha, il-ħlas tas-sehem riservat spettanti lilhom, u l-immissjoni fil-pussess tal-legat remuneratorju imħolli lilhom. Fis-17 ta' Novembru 2015 il-Qorti tal-

Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, wara li llikwidat l-assi ta' Carmela Galea ikkonkludiet li l-konvenut għandu jħallas lil kull wieħed mill-atturi s-somma ta' €2,545 rappreżentanti s-sehem riservat spettanti lilhom, iżda ċaħdet it-talba għall-immissjoni fil-pussess tal-legat remuneratorju. Minn tali sentenza l-atturi intavolaw l-appell odjern.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell, din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti;
>
> "Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:-
>
> "Illi Carmela Galea, omm il-partijiet mietet fil-21 ta' April 2010 (Dok A).
>
> "Illi l-wirt taghha huwa regolat permezz ta' testment in atti Nutar Dottor Mariosa Grech tat-3 ta' Awwissu 2007 (Dok B, Dok C, u Dok D) fejn *inter alia* innominat lill-konvenut Peter Galea uniku eredi universali tal-beni taghha kollha in generali, prezenti u futuri, mobbli u mmobbli.
>
> "Illi in forza tat-tielet artikolu tal-imsemmi testment it-testatrici halliet lill-atturi Vittoria Axiaq, Raymond Galea, Mario Galea, Judith Azzopardi u Marianna Galea kif ukoll lill-konvenut Peter Galea, b'titolu ta' legat u prelegat, terz indiviz, ossia kull dritt spettanti lit-testatrici tal-fond erbgha u erbghin (44), Triq Gajdoru, x-Xaghra, Ghawdex, fis-segwenti kwoti: l-attur Mario Galea u l-konvenut Peter Galea zewg kwoti kull wiehed, Victoria Axiaq, Raymond Galea, Judith Azzopardi u Marianna Galea kwota kull wiehed u dan b'kumpens ta' kwalunkwe kuri u assistenzi rezi lit-testatrici mill-imsemmija legatarji konsistenti f'irqad maghha matul il-lejl tas-sena elfejn u hamsa (2005).
>
> "Illi ghal kull buon fini l-atturi irrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom filwaqt li irrizervaw favur taghhom id-dritt tal-legat rimuneratorju lilhom imholli kif ukoll id-dritt li jitolbu l-legittima lilhom spettanti skont il-ligi.
>
> "Illi l-konvenut bhala eredi uniku tal-imsemmija decujus gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-legittima spettanti lill-esponenti izda baqa inadempjenti.
>
> "Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

"Talbu li din il-Qorti:

"1. Tillikwida l-assi ereditarji ta' omm il-partijiet u konsegwentement tillikwida l-legittima spettanti lill-atturi mill-wirt ta' ommhom.

"2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-legittima hekk likwidata.

"3. Tikkundanna lill-konvenut jimmetti lill-atturi fil-pussess tal-legat remuneratorju fuq imsemmi.

"4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv u kuratur ghall-eventwali kontumacja.

"Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

"Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li kkonferma:-

"Illi dwar il-fatti huwa minnu li Carmela Galea tigi omm il-partijiet u li mietet fil-21 ta' April, 2010; apparti dawn hemm ulied ohra ta' Carmela Galea li mhumiex imsemmijin; huwa minnu wkoll li hija ddisponiet mill-wirt taghha skont it-testmenti ndikati fir-rikors;

"Huwa minnu ukoll li hija halliet legat fit-tielet artikolu tat-testment taghha kif hemm indikat fit-testment;

"Illi l-atturi jridu jgibu prova skont il-ligi tar-rinunzja taghhom ghall-wirt ta' Carmela Galea;

"Illi huwa minnu wkoll li l-atturi nterpellaw lill-konvenut biex tigi likwidata l-legittima imma ma setghux jaqblu fuq l-ammont u l-konsistenza tal-legittima u ghalhekk qeghed issir din il-kontestazzjoni;

"L-eccezzjonijiet ghalhekk huma s-segwenti:

"L-atturi ddekadew mil-legat lilhom imholli u dan kif previst fl-istess testment u ghalhekk il-legat fi kwalsijasi kaz irid jittiehed mill-atturi akkont tal-legittima mill-istess atturi reklamati;

"Li l-likwidazzjoni tal-legittima ma tistax tintalab minghajr ma qabel wiehed jitlob li tigi accertata l-konsistenza tal-wirt ta' Carmela Galea ghaliex minn dan biss wiehed jkun jista' jasal ghal-likwidazzjoni tallegittima.

"Li trid issir il-prova tad-denunzja maghmula mill-intimat tal-legittima li huma wirtu;

"Li trid issir il-prova tad-delega ta' Joseph Galea;

"Illi fl-accertament ta' dik il-legittima jridu jitnaqqsu l-ispejjez gudizzjarji f'liema kienet inkorriet l-istess Carmela Galea minhabba l-kawzi li ghogobhom jaghmlu uliedha fil-konfront taghha, kif ukoll irid jitnaqqas l-kumpens ghas-servigi dovuta minnha lil binha l-konvenut, billi dan irrendilha diversi servigi tul hajtu u dawn ghandhom jigu konteggjati fil-komputazzjoni tal-attiv soggett ghal-legittima.

"Illi fil-fatt huwa kompitu tal-atturi li jaghmlu l-prova tal-konsistenza tal-wirt ta' Carmela Galea biex tigi likwidata l-legittima.

"Rat il-provi, affidavits, xhieda, dokumenti u l-atti kollha fil-process;

"Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2015 il-kawza thalliet ghad-decizjoni bil-fakulta' lill-partijiet li jipprezentaw is-sottomissjonijiet kollha;

"Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

"Rat illi l-eccezzjoni relatata mal-prokura tal-attur Joseph Galea giet sorvolata bil-prezentata tal-prokura a fol. 29 tal-process.

"Rat l-atti kollha.

"**<u>Ikkunsidrat</u>**

"Illi bhala fatti l-partijiet jaqblu li ommhom Carmela Galea mietet fil-21 ta' April 2010. Jaqblu wkoll li l-partijiet mhumiex l-unici ulied ta' Carmela Galea izda li b'kollox Carmela Galea kellha hdax-il wild. Jaqblu li l-wirt taghha huwa regolat permezz ta' testment in atti Nutar Dottor Mariosa Grech tat-3 ta' Awwissu 2007 esebit a fol. 7 tal-process fejn *inter alia* innominat lill-konvenut Peter Galea uniku eredi universali tal-beni taghha kollha in generali, prezenti u futuri, mobbli u immobbli. Il-klawsola tan-nomina taqra kif isegwi:

> *'Salv il-predisopost, it-testatrici qed tinnomina u tistitwixxi bhala uniku eredi universali tal-beni taghha kollha in generali, prezenti u futuri, mobbli u mmobbli, lil binha Peter Paul maghruf bhala Peter Galea, bil-karta tal-identita' numru 316665(M), bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedu kollha f'kaz ta' premorjenza ghat-testatrici. Din in-nomina tal-eredi qed issir biex it-testatrici tikkompensa lil binha Peter Paul sive Peter talli ilu jdur biha u jirrendilha s-servizzi, kuri u assistenzi illi hija kellha bzonn matul dawn l-ahhar sentejn u ta' dawk is-servizzi, kuri u assistenzi illi ghad jirrendilha fil-futur.' (fol. 8)*

"Jaqblu wkoll li in forza tat-tielet artikolu tal-imsemmi testment it-testatrici halliet lill-atturi Vittoria Axiaq, Raymond Galea, Mario Galea, Judith Azzopardi u Marianna Galea (eskluzi ghalhekk l-atturi Joseph Galea u Josephine Grima) kif ukoll lill-konvenut Peter Galea, b'titolu ta' legat u prelegat, terz indiviz, ossia kull dritt spettanti lit-testatrici tal-fond erbgha u erbghin (44), Triq Gajdoru, ix-Xaghra, Ghawdex, fis-segwenti kwoti: l-attur Mario Galea u l-konvenut Peter Galea zewg kwoti kull wiehed,

Victoria Axiaq, Raymond Galea, Judith Azzopardi u Marianna Galea kwota kull wiehed u dan b'kumpens ta' kwalunkwe kuri u assistenzi rezi lit-testatrici mill-imsemmija legatarji konsistenti f'irqad maghha matul il-lejl tas-sena elfejn u hamsa (2005) (klawzola a fol. 7).

"L-atturi fir-rikors guramentat taghhom izda naqsu milli jippremettu wkoll illi l-istess testment fir-raba' artikolu t-testatrici ezentat lil uliedha kollha mill-kollazzjoni u mputazzjoni ta' dak li hadu b'titolu gratuwitu minghand it-testatricia tul hajjitha, inkluz id-donazzjoni ta'erba' mitt lira Maltin (Lm400) kull wiehed u wahda minnhom u li s-sitt artikolu tat-testment jaqra kif isegwi:

> '*It-testatrici trid u tordna illi jekk xi hadd minn l-imsemmija wliedha jipprova b'xi mod jimpunja d-disposizzjonijiet testamentarji taghha, huwa jiddekadi minn kull beneficcju lilu mholli b'dan it-testment u jikkonsegwixxi biss il-legittima skont il-ligi.'* (fol. 8)

"Illi jirrizulta li l-atturi kollha rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom permezz ta' dikjarazzjoni datata 28 ta' April, 2011 (fol. 13) li taqra kif isegwi:

> *'Illi l-esponenti jixtiequ jirrinunzjaw ghall-wirt tal-imsemmija ommhom filwaqt li jirriservaw favur taghhom id-dritt tal-legat remuneratorju fuq imsemmi kif ukoll id-dritt li jitolbu l-legittima lilhom spettani skont il-ligi.'*

"Jigi notat li tnejn mill-atturi ma kienux beneficcjarji tal-legat in kwistjoni u cioe' Joseph Galea u Josephine Grima fejn dawn ta' l-ahhar effettivament ma rcevew xejn tramite t-testment ta' ommhom.

"Jirrizulta lil din il-Qorti li qabel il-mewt tad-decujus l-atturi kienu lhom snin twal bi problemi bejniethom, principalment ma' ommhom u huthom fir-rigward tad-divizjoni tal-wirt ta' missierhom tant li gia kien hemm zewg kawzi ohra:

(i) "Citazzjoni numru 9/2007 (sentenza fol. 198) fl-ismijiet 'Carmela Galea, Peter Paul Galea li qed jidher f'ismu proprju kif ukoll ghannom u in rapprezentanza ta' hutu Susanna Cassar u Dimitri Galea, Karkanja Limited vs. Raymond Galea, Mario Galea, Josephine Grima, Marianna Galea, Victoria Axiaq, Judith azzopardi, Avukat Dr. Samuel Azzopardi b'digriet tat-18 ta' Mejju 2007 gie nominat biex jidher ghall-imsiefra Rita mart John Cassar u b'digriet tat-18 ta' Mejju 2007, gie nominat kuratur deputat biex jidher ghall-imsiefer Joseph Galea' deciza nhar it-23 ta' Mejju, 2008.

"Jirrizulta li permezz ta' din il-kawza l-atturi talbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ai termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 sabiex tawtorizza l-bejgh tal-fond numru 55, Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex bir-raba' annessa mieghu liema proprjeta' kienet originarjament mixtrija fiz-zwieg bejn id-decujus Carmela Galea u r-ragel taghha Angelo Galea li miet qabilha fit-22 ta' Mejju, 1979. Fis-successjoni

tieghu nofs din il-proprjeta' saret proprjeta' tal-hdax-il ahwa suggetta izda ghall-uzufrutt tal-omm Carmela Galea filwaqt li n-nofs l-iehor baqa' proprjeta' ta' Carmela Galea. Din il-kawza giet deciza kontra l-atturi msemmija stante li l-proprjeta' kienet ghadha suggett ghall-uzufrutt ta' Carmela Galea u ghalhekk f'dak l-istadju l-ahwa ma kienux ghadhom kunsidrati bhala ko-proprjetarji. Il-kawza giet deciza minghajr taxxa bejn il-partijiet ghajr ghall-ispejjez tal-Perit Tekniku li kellhom jinqasmu.

(ii) "Citazzjoni numru 94/2008 (decizjoni a fol. 203) fl-ismijiet 'Carmela Galea armla ta' Angelo u Peter Paul Galea li qed jidher fuq il-prezenti kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentata ta' hutu Susanna mart Laurence Cassar, Dimitri Galea u Rita mart John Cassar vs. Raymond Galea, Mario Galea, Josephine Grima, Marianna Galea, Victoria Axiaq, Judith Azzopardi u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2008 gie nominat kuratur deputat biex jidher ghall-imsiefer Joseph Galea'.

"F'din il-kawza l-atturi talbu l-qasma tal-gid komuni bejniethom. Inghatat sentenza preliminari f'din il-kawza fejn il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuti li ma tistax tintalab il-qasma ta' beni u wirt meta l-wirt hu suggett ghall-uzufrutt bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

"Jirrizulta li konsegwentement ghal din id-decizjoni preliminari l-partijiet waslu ghall-ftehim fuq il-qasma tal-proprjeta' numru 55, Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex bir-raba' annessa mieghu, f'liema qasma l-proprjeta' inghatat l-istess valur moghti mill-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti u cioe' dik ta' Lm 250,000. Il-kuntratt ta' divizjoni jinsab esebit a fol. 36 tal-process datat 26 ta' Novembru, 2009 fejn jirrizulta li l-proprjeta' in kwistjoni nqasmet f'zewg porzjonijiet bl-ewwel porzjon tal-kejl ta' cirka 1070.27m.k. inghata l-valur ta' €397,000 u ghadda ghand id-decujus Carmela Galea f'sehem ta' 11/15 indiviz u sehem ta' 1/15 kull wiehed lil Susanna Gassar, Rita Cassar, Dimitri Galea u Peter Paul Galea filwaqt li t-tieni porzjon tal-kejl cirka ta' 432.7m.k. u nghatat il-valur ta' €185,250 ghaddiet ghand is-seba' l-ahwa l-ohra (l-atturi odjerni) kollha sehem 1/7 kull wiehed. Jigi notat izda li anki dwar il-valur li kellu jigi dikjarat ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet u dan huwa evidenzjat mill-*e-mail* bejn l-Avukati tal-partijiet esebita a fol. 217 tal-process fejn l-atturi odjerni kienu qed jinsistu li jigi mnizzel il-valur tal-immobbli kif moghti mil-Perit tal-Qorti li izda vvaluta l-fond bhala wiehed shih, filwaqt li l-konvenut odjern kien qed isostni li l-valur tal-proprjeta' anki in vista li kienet qed tigi diviza kien ferm anqas. Jirrizulta li l-konvenut odjern ceda ghall-insistenza tal-atturi u tnizzel il-valur imsemmi stante l-predispost mill-Avukat taghhom li lilhom ma kienet ser taghmillhom l-ebda differenza.

"Jirrizulta wkoll li ftit xhur qabel il-mewt ta' Carmela Galea, l-ewwel

porzjon gie mibjugh lil Karkanja Ltd. permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Dicembru, 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro ghall-prezz totali ta' €186,349.80. Minn dan l-ammont wara li jitnaqqsu t-taxxi Carmela Galea kellha tiehu 11/15 il-parti filwaqt li l-erba' l-ahwa kellhom jiehdu 1/15 kull wiehed. Konsegwenti ghal dan il-kuntratt it- taxxi nterni kkontestaw il-valur tal-proprjeta' u ai fini ta' taxxa dan gie valutat ghall-valur finali ta' €250,000 b'hekk il-partijiet fil-kuntratt kellhom ihallsu taxxi addizzjonali (xhieda Spiro Formosa fol. 101). Irrizulta fil-mori tal-kawza mix-xhieda ta' rapprezentant tal-istess Dipartiment li kien hemm insistenza da parti ta' terzi (cioe' l-atturi tramite l-Avukat taghhom) sabiex id-Dipartiment jivvaluta l-proprjeta' aktar minn kemm inbieghet u fil-fatt hekk sar.

"Jirrizulta mill-provi (ara x-xhieda ta' Euchar Vella fol. 109 et seq, fol. 156 et seq u fol. 328) li l-prezz fuq l-immobbli thallas da parti ta' Karkanja Ltd. permezz ta' cekkijiet 'post-dated' li izda l-ahhar wiehed ghas-somma ta' €46,587.00 ghalkemm kien lahaq gie raggirat minn Carmela Galea u mghoddi lill-konvenut Peter Paul Galea dan ma lahaqx issarraf qabel il-mewt taghha u konsegwentement gie ritornat lil Karkanja Ltd. u din ghaddiet lill-konvenut l-ekwivalenti f'kontanti.

"**<u>Mertu:</u>**

"Il-kwistjonijiet principali bejn il-partijiet f'din il-kawza huwa l-valur tal-eredita' tal-mejta Carmela Galea u jekk il-legati maghmula lill-atturi ghadhomx validi. L-atturi jsostnu li din il-Qorti ghandha tiehu kont tal-valur skont huma tal-fond mibjugh lill-Karkanja Ltd. u mhux dak dikjarat fil-kuntratt, isostnu wkoll li din il-Qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-ammont globali ta' servizzi socjali rcevuti minn Carmela Galea ghal tul ta' snin kif ukoll flus li hija gabret ferm qabel il-mewt taghha mill-banek u minghand l-istess uliedha li kienu qed izommuhom minghajr ebda tnaqqis ghal dak li hija setghet nefqet. L-atturi jinsistu li apparti s-sehem riservat huma ghandhom jinghataw il-legat mholli lilhom fit-testment u li dan m'ghandux jigi maghqud sabiex tigi kalkolata l-legittima.

"Da parti tieghu l-konvenut isostni li dakinhar tal-mewt Carmela Galea, li kienet ilha tirrisjedi mieghu sa mis-sena 2005, kellha biss €2,000 kontanti fid-dar u li hu kellu dejn ta' €70,000 dovuti lil ommu. Fil-bqija l-konvenut isostni li Carmela Galea fid-data tal-mewt taghha ma jirrizulta li kellha xejn aktar ghajr it-terz tal-proprjeta' immobbli thalliet bil-legati u l-pre-legat. Fil-fatt tressqu l-provi tal-banek izda rrizulta li l-mejta ma kellha xejn fil-banek dakinhar tal-mewt anzi kienet ilha snin li gibdet hi personalment il-flus kollha mill-banek.

"Jirrizulta wkoll mix-xhieda tar-rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li bejn l-1 ta' Jannar tas-sena 2000 u d-data tal-mewt tad-decujus hija receviet is-somma globali ta' €70,041.58 (dol. 112) f'servizzi socjali nkluz il-beneficcji kollha li kellha. Ghalhekk f'kalkolu

approssimattiv ta' din il-Qorti jirrizulta li d-decujus kien ikollha f'idejha s-somma ta' €500. Kemm il-konvenut u martu Alexandra Galea kkonfermaw diversi drabi fl-atti li ghalkemm kien il-konvenut li jsarraf ic-cekkijiet, huwa kien jaghmel il-flus go envelope u jghaddihom lil ommu u li ma kienux jindahlu hija x'taghmel bil-flus. Isostnu izda li l-omm kienet spiss tikkontribwixxi ghall-ispejjez tad-dar u tal-ikel anki ghaliex hija kellha 'washing-machine' ghaliha dejjem ghaddejja minhabba li kienet tbati bl-inkontinenza.

"Dwar is-somma li l-omm irceviet fuq il-kuntratt ftit xhur qabel il-mewt u cioe' 11/15 ta' €186,349.80 u mnaqqsa t-taxxi u cioe' somma anqas minn €136,000 il-konvenut isostni u tressqu anki provi li minnhom l-omm tat donazzjoni ta' €9,123 lit-tliet uliedha fl-Awstralja Dimitri, Susanna u Rita filwaqt li hallset lilu lura s-somma ta' Lm8,000 ekwivalenti ghal €18,634.99 ghall-ispejjez taz-zewg kawzi msemmija aktar 'il fuq li skont il-konvenut kienet iddecidiet li thallas l-omm u li hu kien hallas qabel. Gew prezentati fl-atti diversi dokumenti li jevidenzjaw it-trasferiment tal-flus gewwa l-Awstralja kif ukoll dokumenti rapprezentanti l-ispejjez tal-kawza. Ghalhekk jirrizulta li zgur is-somma f'idejn l-omm kienet naqset ghall-anqas minn €90,000. Minn dawn id-decujus selfet lill-konvenut (ex-admissis minnu stess) is-somma ta' €70,000 ghalhekk f'idejha kien baqa' anqas minn €20,000. Il-Qorti qed taghti figuri approssimattivi ta' dak li seta' baqa' f'idejn id-decujus stante li minn dawn l-ammonti trid titnaqqas ukoll it-taxxa mhallsa fuq il-kuntratt u t-taxxa addizzjonali li thallset wara. Il-konvenut isostni li huwa ma jafx ommu x'ghamlet b'dawn il-flus izda jsostni li hija kienet tikkontribwixxi ghall-ispejjez u anki kienet generuza hafna fil-beneficenza. Dan tikkonfermah ukoll martu. Isostni wkoll li meta huwa staqsa l-ommu x'ghamlet b'dawk il-flus kienet qaltlu sabiex jinsihom ghax hi riedet tahseb ghal ruhha. Fil-fatt il-konvenut isostni li huwa sab biss is-somma ta' €2,000 fid-dar u li dan huwa ghamilhom quddiesa ghaliex it-testment hekk kien jimponilu li jaghmel, fil-fatt it-testment a fol. 7 tal-process it-tieni artikolu jaqra:

> *'It-testatrici trid u tordna illi l-flus kollha illi jkunu jappartjenu lilha fil-gurnata tal-mewt taghha jigu konvertiti f'quddies ghal ruhha u skont il-pija intenzjoni taghha.'*

"Minn dan l-artikolu l-Qorti ma ssibhiex difficli wisq li temmen li d-decujus iddisponiet mill-flus li kellha f'ideja b'dan il-mod qabel il-mewt taghha sabiex tassigura ruhha li dawn il-flus imorru fejn riedet hi u cioe' ghal ruhha. Din kienet l-intenzjoni taghha lura fis-sena 2007 meta rredigiet it-testment u huwa verosimili hafna li tali ntenzjoni kienet aktar imsahha f'mohh it-testatrici meta hasset li l-mewt kienet qed tersaq. F'dan il-kuntest dak li l-konvenut jixhed li ommu qaltlu dwar il-flus u cioe' li hija riedet tahseb ghal ruhha wkoll huwa vero-simili hafna u ghandu mill-verita'.

"**<u>It-talbiet:</u>**

"Illi l-ewwel u t-tieni talbiet attrici huma kif isegwi:

1. Tillikwida l-assi ereditarji ta' omm il-partijiet u konsegwentement tillikwida l-legittima spettanti lill-atturi mill-wirt ta' ommhom.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-legittima hekk likwidata.

"L-artikolu 648 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

> "Biex jigi stabbilit kemm ghandu jkun dan it-tnaqqis, ghandhom jitharsu dawn ir-regoli li gejjin:

(a) "ghandha ssir gabra tal-beni kollha li jkun hemm fiz-zmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatghu minnhom id-djun;

(b) "il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni ghandhom imbaghad jigu mghaqqdin maghhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni;'

"Illi f'termini ta' gurisprudenza jinghad illi:

> " *Ghal dak li hu kalkolu ta' legittima l-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala rijunjoni fittizzja. Permezz ta' dan l-ezercizzju preliminari jsir kalkolu ta' l-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (disposable portion) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din m'hi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tas-sehem riservat. Dan l-ezercizzju jrid isir b'dan il-mod:*
>
> *(a) Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tassuccessjoni (relictum) u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;*
>
> *(b) Minn dan l-ammont ghandu jinqata' d-dejn;*
>
> *(c) Mill-bilanc li jibqa' ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni.*
>
> "*Fl-artikolu 648 (b) tal-Kodici Civili jinghad li din il-proprjeta' "shall be fictitiously added" mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta' fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni.'* (**Dorothy Buttigieg et vs. Dr Monica Vella** deciza mill-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex JD nhar is-16 ta' Mejju, 2014)

"Fil-kaz in ezami l-atturi apparti l-legittima qed jinsistu li jitpoggew ukoll fil-pussess tal-legat imholli lill-hamsa minnhom ai termini tal-artikolu 3 tat-testment. Dawn it-talbiet huma riflessi fit-tielet u r-raba' talba talatturi. Il-konvenut isostni li l-atturi tilfu l-jedd ghal dan il-legat filmument li huma rrinunzjaw ghall-wirt u ntavolaw il-kawza odjerna ghaliex jiskatta l-provvediment fis-sitt artikolu tat-testment li jghid:

> *'illi jekk xi hadd minn l-imsemmija wliedha jipprova b'xi mod jimpunja*

*d-disposizzjonijiet testamentarji taghha, huwa jiddekadi minn kull beneficcju lilu mholli b'dan it-testment u jikkonsegwixxi biss il-legittima skont il-ligi.'*

"Anzi l-konvenut isostni li qabel ma tittiehed tali konsiderazzjoni din ilQorti ghandha zzomm f'mohhha d-disposizzjoni tal-artikolu 620 (5) li tghid li ebda persuna ntitolata ghal-legittima ma tista' tirrinunzja ghal xi disposizzjoni mhollija lilha fit-testment. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li dan is-sub-artikolu ma japplikax fil-konfront tal-atturi ghaliex huma ma rrinunzjawx ghal-legat imholli lilhom fit-testment anzi zammew ferm dak il-legat u ghalkemm ir-rinunzja taghhom ghall-wirt u t-talba ghal-legittima gabet fis-sehh l-effett tal-artikolu 6 tat-testment, il-fatt li flistess skrittura huma zammew ferm it-talba ghal-legat fisser li l-artikolu 620 (5) ma japplikax fil-konfront taghhom.

"L-atturi jmorru oltre billi jsostnu li fil-kalkolu tal-legittima din il-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-legat imholli lilhom stante li dan ghandu jigi meqjus bhala parti mid-dejn tal-eredita' izda ghandha tikkunsidra l-prelegat mholli lill-konvenut stante li huwa wkoll l-eredi universali u ghal dan jikkwotaw xi gurisprudenza. Il-konvenut jirribatti li jekk din il-Qorti ghandha tikkunsidra wkoll il-valur ta' dawn il-legati ghandha tikkunsidra l-legati kollha una volta l-atturi tilfu d-dritt ghall-istess legat fil-mument li kkontestaw id-disposizzjonijiet testamentarji ta' ommhom.

"Il-Qorti tqis li ghalkemm huwa minnu li l-artikolu 862 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li werriet li jirrinunzja ghall-wirt ma jitlifx iljedd ghal-legat imholli lilu, imkien fil-ligi ma jinghad li t-testatur ma jistax jiddisponi mod iehor. F'dan il-kaz fil-fatt it-testatrici ddisponiet mod iehor fis-sitt disposizzjoni tat-testment taghha li hija wahda cara u invekwivoka fejn tghid li jekk xi hadd minn ulied it-testatrici jimpunja dawk id-disposizzjonijiet allura jiehu biss il-legittima. Dan l-artikolu 12 fit-testment sahansitra mar oltre minn dak li ssemmi l-ligi u cioe' lwerriet izda t-testatrici ghazlet li ssemmi lil uliedha kollha u mhux biss il-werriet jew il-legatarji. Dan ifisser li la darba l-atturi ddecidew li jifthu din il-kawza sabiex appuntu ma jimxux mad-disposizzjonijiet tat-testment izda jitolbu l-legittima allura dan neccessarjament jimplika l-impunjazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' ommhom. Il-Qorti tqis li legalment ma jaghmel l-ebda effett li fir-rinunzja taghhom l-atturi zammew id-dritt ghal-legat stante li din il-Qorti hija obbligata li tapplika d-disposizzjonijiet tat-testment tad-decujus fl-intier taghhom. Fil-kawza fl-ismijiet **George Zammit et vs. Anna Mallia** deciza nhar id-9 ta' Gunju, 2015 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili b'referenza ghal disposizzjoni simili nghad kif isegwi:

"*21. 'Illi jigi wkoll ribadit li t-testatrici stabbiliet perentorjament fittestment taghha fuq riferit, (ara foll 14), li kemm-il darba xi hadd mill-eredi jimpunja, jew jipprova jimpunja, l-istess testment taghha, b'xi proceduri gudizzjarji, dan jiddekadi minn kwalunkwe liberalita' moghtija lilhu fl-istess testment u jikkwalifika biss ghal-legittima;*

"*22. Illi r-rikorrenti, muniti bl-istess testment, kienu lkoll ben*

*konsapevoli bil-kundizzjoni de quo imposta mit-testatrici ommhom;*

"*23. Illi ghalhekk, in vista ta' l-azzjoni odjerna minnhom intrapriza, listess kundizzjoni issa skattat u avverat ruhha;'*

"Il-Qorti ghalhekk tqis li la darba l-atturi ntavolaw il-kawza ghall-hlas tal-legittima lilhom u ma mxewx mad-disposizzjonijiet ta' ommhom *per conseguenza* huma legalment tilfu l-jedd ghal-legat imholli lilhom fl-istess testment u kif jghid l-istess testment l-uniku jedd li ghandhom f'dan listadju huwa ghal-legittima u xejn aktar.

"Il-Qorti qed taghmel dawn il-konstatazzjonijiet f'dan l-istadju tad-decizjoni ghaliex huma bazilari sabiex hija tkun tista' tipprosegwi ghall-kalkolu tal-beni tad-decujus mal-mewt taghha. Il-Qorti ghalhekk tqis li dan iwassalha sabiex fl-ewwel lok tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-tielet u r-raba' talbiet attrici bhala legalment infondati u konsegwentement tqis li l-valur kollu tal-legati u pre-legati mhollija fit-testment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-kalkolu tal-legittima.

"Din il-Qorti minn analizi tal-provi sabet li dakinhar tal-mewt, bhala proprjeta' immobbli, id-decujus kellha biss it-terz indiviz tal-fond numru 44, Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex. Fl-atti ma tressqet l-ebda prova tal-valur dan il-fond u l-atturi fin-nota taghhom jippretendu li din il-Qorti f'dan l-istadju tappunta perit tekniku sabiex jivvaluta l-fond in kwistjoni. Il-Qorti tqis li din it-talba, fl-istadju fejn il-kawza hija differita ghad-decizjoni proceduralment hija inammissibli u tichad l-istess. L-atturi izda man-nota ta' sottomissjonijiet taghhom esebew dokument MS1 rapprezentanti d-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* tal-atturi fir-rigward tal-legat mholli lilhom mit-testatrici u li din il-Qorti gia ddecidiet aktar 'il fuq li huma ddekadew mill-istess jedd. Dan id-dokument ma giex kontestat mill-konvenut anzi l-konvenut qabel li dan jibqa' esebit u li l-valur tal-proprjeta' ghandu jinhadem fuq l-istess dikjarazzjoni. Skont l-istess dokument il-valur li nghata lit-terz tal-fond in kwistjoni eskluz il-parti li marret ghand il-konvenut huwa ta' €18,000. Bis-sehem tal-konvenut il-valur tat-terz shih huwa ta' €24,000. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ma ghandhiex timxi ma' dan il-valur kif hekk dikjarat mill-istess atturi fil-25 ta' Frar, 2011.

"Apparti dan l-immobbli, l-atturi kif gia nghad aktar 'il fuq jinsistu li l-Qorti tiehu kont ta' diversi flejjes li tul l-ahhar ghaxar snin ta' hajjitha d-decujus rceviet jew kellha fil-banek. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' dak espost mill-atturi. Mill-atti ma tressqet l-ebda prova konkreta mill-atturi sal-grad rikjest mil-ligi li d-decujus, dakinhar tal-mewt kellha xi flus oltre dawk dovuti lilha mill-konvenut cioe' s-somma ta' €70,000 u s-somma ta' €2,000 misjuba fid-dar fejn kienet tirrisjedi. Wisq anqas sabet xi provi dwar xi dehbijiet li seta' kellha. Dak li ressqu quddiem il-Qorti l-atturi kienu biss hafna kongetturi u fantasiji izda xejn aktar. Kif gia esprimiet ruhha l-Qorti aktar 'il fuq, il-Qorti verament temmen li kienet l-intenzjoni

tad-decujus li ma thallix wisq flus kontanti mal-mewt taghha u rat li dak kollu li kellha fl-ahhar mill-ahhar jew tqassam jew mar ghal ruhha. Il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut li hija ferm aktar realistika u tirrifletti l-fatti migjuba quddiem din il-Qorti u l-volonta' espressa tad-decujus fis-sena 2007 milli l-kalkoli straordinarji maghmula mill-atturi daqs li kieku d-decujus qatt ma nefqet centezmu wiehed tul l-ahhar ghaxar snin ta' hajjitha. Il-Qorti in oltre tqis li ma tressqet l-ebda prova konkreta sal-grad rikjest mil-ligi li d-decujus effettivament irceviet xi somma akbar minn dak dikjarat fil-kuntratt ma' Karkanja Ltd. ukoll gia msemmi aktar 'il fuq.

"Ghalhekk il-Qorti tqis li l-eredita' tad-decujus dakinhar tal-mewt kienet tikkonsisti fit-terz indiviz tal-fond fi Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex ghall-valur ta' €24,000, is-€70,000 dovuti mill-konvenut lid-decujus u l-€2,000 li nstabu fir-residenza taghha, total ta' €96,000. Ghalhekk l-ammont ta' €96,000 huwa l-ammont li d-decujus setghet tiddisponi minnu.

"Mill-ammont ta' €96,000 jehtieg li jitnaqqas id-dejn tal-eredita'. La darba gie deciz aktar 'il fuq li l-atturi tilfu d-dritt ghal-legati mhollija lilhom jonqos biss li jigi deciz jekk il-pre-legat imholli lill-konvenut jikkwalifikax bhala dejn tal-eredita'. Jigi notat li l-pre-legat imholli lill-konvenut huwa wiehed rimuneratorju ghas-servigi li rrenda l-konvenut. Fil-kaz ta' tali legati remuneratorji l-gurisprudenza[1] tghid li dawn ghandhom jithallsu fl-interezza taghhom. Fil-kaz in ezami jirrizulta sahansitra li l-konvenut il-parti tieghu tas-servigi fil-konfront ta' ommu ghamilha u dam jaghmilha sad-data tal-mewt tad-decujus. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-pre-legat imholli lill-konvenut, nonostante li huwa thalla wkoll werriet universali ghandu jigi kkunsidrat bhala parti mid-dejn tal-eredita' qabel ma tigi kkalkulata l-porzjon riservata. Diga' inghad aktar 'il fuq li l-parti tal-konvenut mill-fond gewwa x-Xaghra ghandha tinghata l-valur ta' €6,000. Ghalhekk dan ghandu jitnaqqas mill-ammont ta' €96,000 li tigi €90,000.

"L-atturi jargumentaw ukoll li d-donazzjonijiet moghtija lit-tlett ahwa fl-Awstralja, mhux parti fil-kawza, ghandhom ukoll jizdiedu ai fini tal-kalkolu tal-porzjon riservata. L-atturi izda jinsew li huma wkoll inghataw donazzjonijiet mit-testatrici u mhux qed jinsistu li dawn jergghu jiddahhlu fil-kalkolu. L-istess testatrici tezenta lill-ulieda mill-kollazzjoni u imputazzjoni ta' dak li hadu b'donazzjoni tul hajjitha. L-artikolu 915 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

> *'It-tifel jew dixxendent ma jistax, ghalkemm ikun gie mehlus espressament mill-obbligu tal-kollazzjoni, izomm id-donazzjoni hlief sa l-ammont tas-sehem li minnu l-mejjet seta' jiddisponi, u zzejjed hu suggett ghall-kollazzjoni.'*

"B'applikazzjoni ta' dan id-dispost allura l-Qorti fil-mument li tikkalkula s-sehem riservat trid b'mod fittizzju zzid ukoll id-donazzjonijiet maghmula lill-ulied kollha u konsegwentement tnaqqas l-istess donazzjonijiet

[1] Ara George Zammit v. Anna Mallia deciza mill-PA nhar is-6 ta' Gunju, 2015 u Muscat vs. Borg noe deciza nhar it-28 ta' Frar, 1958.

rcevuti mill-atturi mill-ammont dovut lilhom. Id-donazzjonijiet li tressqu prova taghhom f'dawn l-atti kienu s-somma ta' Lm400 ekwivalenti ghal €1,332 kull wild u s-somma ta' €9,123 lit-tlett ulied li mhux parti fil-kawza. Il-konvenut iqajjem f'dan il-kuntest ilproblema li l-atturi volontarjament ma dahhlux lil dawn it-tlett ahwa bhala parti mill-kawza u allura jekk jirrizulta li dawn hadu aktar missehem riservat id-differenza ma ghandux ibaghtiha l-konvenut. Il-Qorti taqbel ma' dan l-argument stante li kienet ghazla libera tal-atturi li ma jiccitawx fil-kawza wkoll lit-tliet huthom l-ohra la darba kien be hsiebhom jitolbu li d-donazzjonijiet li saru lilhom jittiehdu kont ghall-kalkolu tas-sehem riservat. Fil-kuntest tas-somma ta' €9,123 il-Qorti b'zieda ma' dak gia suespost, tqis li kien il-konvenut li qal il-verita' dwar l-ammont mghoddi lit-tlett ahwa u li l-istess konvenut ta spjegazzjoni ghalfejn huwa baghat ftit aktar lit-tnejn mill-ahwa. Jidher li l-atturi fin-nota taghhom injoraw ghal kollox l-ahhar xhieda tal-konvenut a fol. 375 tal-process. Ghalhekk it-total ta' donazzjonijiet jammonta ghal €42,021. Dan l-ammont irid jizdied mas-somma ta' €90,000 gia kalkolata aktar 'il fuq bit-total ikun ta' €132,021.

"Ghall-fini ta' kalkolu tas-sehem riservat stante li d-decujus kellha hdax-il wild allura s-sehem riservat jigi kkalkolat fuq nofs is-somma ta' €132,021 diviza f'partijiet ugwali bejn il-hdax-il ahwa, bir-rizultat ikun dak ta' €6,001 kull wild. Ghalhekk is-sehem riservat dovut lill-atturi jammonta ghal €6,001 kull wiehed. Minn dan l-ammont trid titnaqqas id-donazzjoni ta' €1,332 li huma gia rcevew minghand id-decujus biex b'hekk jibqa' s-somma ta' €4,669 kull wiehed. Jirrizulta li t-tlett ahwa fl-Awstralja hadu b'donazzjoni s-somma akbar minn €4,669 apparti l-ewwel donazzjoni ta' €1,332 li hija gia mnaqqsa u cioe' s-somma ta' €9,123 bid-differenza tkun ta' €4,454 kull wiehed minnhom, li kalkolati fuq tlieta titla ghas-somma ta' €13,362. Kif gia nghad, kienu l-atturi li ghazlu volontarjament li ma jharrkux lit-tliet huthom f'din il-kawza b'dana li dawn ma jistghux jigu ordnati jirritornaw lura dan l-ammonti ghalhekk ghandhom ikunu l-atturi li jbatu ghan-nuqqas taghhom. Ghalhekk minn kull sehem dovut lill-attur ghandha titnaqqas ukoll is-somma ta' (€13,362 diviza b'7 atturi) €1,909. B'hekk il-Qorti waslet ghall-kalkolu tas-sehem riservat dovut mill-eredi l-konvenut lil kull wiehed mill-atturi ta' €2,545.

"**<u>Spejjez u mghax</u>**

"Ai fini ta' spejjez, meta dan l-ammont ta' €2,545 jigi mqabbel mal-valur dikjarat ta' €3,000 kull sehem tal-legat imholli lill-atturi mid-decujus u li huma tilfu l-jedd ghalih kif dikjarat f'din id-decizjoni jirrizulta li kieku lhames atturi li kienu wkoll legatarji ma ghamlu xejn din il-kawza kienu jispiccaw b'aktar f'idejhom milli bis-sehem riservat kif deciz. Dan juri kemm din il-kawza saret biss b'sens ta' pika da parti tal-atturi anki ghaliex jirrizulta li ghal dak li huwa legittima l-konvenut kien gia dispost jillikwida l-istess qabel ma giet prezentata l-kawza u ghal dan il-ghan giet esebita wkoll ittra tal-Professur Refalo li tikkonferma l-istess a fol. 44 tal-process b'dana li anki z-zewg atturi l-ohra mhux legatarji setghu facilment evitaw din il-kawza. Ghalhekk l-Qorti tqis li l-atturi kollha in solidum ghandhom ibaghtu l-ispejjez kollha tal-kawza. Fic-cirkustanzi l-Qorti wkoll tqis li

ghandha tezercita' l-poter taghha fil-ligi ai termini tal-artikolu 615 tal-Kap 16 u tiddikjara li ma ghandux jigi kalkolat imghax u jithallas imghax fuq l-ammont dovut mill-konvenut lill-atturi mid-data tal-mewt tad-decujus sad-data ta' din id-decizjoni;

"**Decizjoni**

"Ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad l-eccezzjonijiet rimanenti f'dawk il-partijiet li mhux konsistenti ma' dak hawn deciz u :

(1) "tilqa' l-ewwel talba u wara l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' omm il-partijiet kif ampjament spjegat aktar 'il fuq f'din id-decizjoni tillikwida l-legittima spettanti lil kull wiehed mill-atturi ghas-somma ta' €2,545;

(2) "tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €2,545 lil kull wiehed mill-atturi bhala legittima spettanti lilhom;

(3) "tichad it-tielet u r-raba' talba attrici.

"Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi *in solidum*, bl-imghaxijiet biss mid-data ta' din id-decizjoni."

**RIKORS TAL-APPELL tal-atturi (09.12.2015):**

3. L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

(1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut appellat u konsegwentement tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet tagħhom;

(2) Tvarja l-ammont li ġie likwidat bħala leġittima lil kull wieħed u waħda minnhom billi tillikwidah f'ammont akbar billi tieħu kont tal-flejjes li kellha d-decuius, partikolarment l-flus li daħħlet fl-

aħħar ħames xhur ta' ħajjitha minn Diċembru 2009 meta sar il-kuntratt tal-bejgħ tal-fond 55, Triq Għajn Qamar, Xagħra, u d-donazzjonijiet kollha li saru sa meta mietet f'April 2010;

(3) Tikkundanna lill-konvenut appellat iħallas imgħax fuq l-ammont reali li jiġi ffissat minn din il-Qorti mid-data tal-mewt tad-decuius sal-effettiv pagament;

(4) Tikkundanna lill-konvenut appellat iħallas l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

4. L-aggravji tal-atturi, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) <u>Apprezzament skorrett tal-provi:</u>

Fl-ewwel lok jilmentaw li l-ewwel Qorti emmnet il-verżjoni tal-konvenut u ta' martu meta l-fatti ma kellhomx iwassluha biex tkun moralment konvinta mill-konklużjonijiet li ġibdet fis-sentenza tagħha. Isostnu li jeżistu raġunijiet validi biżżejjed biex jitfgħu dubju fuq il-ġustizzja tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel qorti.

(ii) <u>L-eċċezzjoni tad-dekadenza mil-legat:</u>

Fit-tieni lok jilmentaw li l-ewwel qorti ma kinitx korretta meta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li huma ddekadew mil-legat tagħhom. Isostnu li hija interpretazzjoni estrema li jingħad li bil-kawża odjerna huma marru kontra d-dispożizzjoni testamentarja tat-testatriċi kontenut fis-sitt artikolu. Jargumentaw illi azzjoni ġudizzjarja għal-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riservat (għax ma qablux mas-somma li ried itihom il-konvenut), u għall-immissjoni fil-pussess tal-legat ma tistax titqies bħala azzjoni għall-impunjazzjoni ta' testment.

(iii) <u>Likwidazzjoni tas-sehem riservat:</u>

Fit-tielet lok jilmentaw li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti ma kienx wieħed li jirrifletti b'mod ġust ir-riunjoni fittizja tal-assi ereditarji ta' ommhom fir-rikostruzzjoni tal-patrimonju tagħha, u jsostnu li hemm lok li dan jiġi awmentat. Fir-rigward jagħmlu s-segwenti punti:

(1) Il-valur tas-sehem li ommhom kellha mill-fond 55, Triq Għajn Qamar, Xagħra kien ta' €183,333 (11/15 ta' €250,000) billi rriżulta li l-prezz dikjarat kien sottovalutat.

(2) Is-somom ta' €9,123 li tat lil kull wieħed mit-tlett uliedha ta' barra (Susanna, Rita u Dimitrius), cioe` total ta' €27,369 kellhom jidħlu wkoll fir-rikostruzzjoni tal-patrimonju.

(3) Kwalsiasi ammonti mis-sehem tal-prezz tal-imsemmi fond li ommhom tat f'atti benefiċenza jew benevolenza favur terzi għandhom jidħlu fil-kalkolu tas-sehem riservat ai termini tal-Art. 648 tal-Kap 16; għandu wkoll jidħol il-bilanċ ta' €46,587 li ġie mibdul ma' flus kontanti mill-kompratur innifsu Karkanja Ltd wara l-mewt tat-testatriċi billi ċ-ċekk li kien ħareġ bl-aħħar pagament tal-prezz ma kienx laħaq issarraf meta mietet.

(4) Dwar x'jidħol fil-kelma "donazzjonijiet" taħt l-Artikolu 648 jagħmlu referenza għal dak li jikkummenta Prof V Caruana Galizia fin-noti tiegħu dwar is-Suċċessjoni (fol 1021).

(5) Isibuha ferm diffiċli li f'temp ta' erba' xhur għamlet atti ta' benefiċenza u quddies f'eluf ta' ewro. Isostnu li l-konvenut, bħala prokuratur ta' ommhom, kien obbligat li jagħti rendikont tal-amministrazzjoni tiegħu u kellu r-

responsabbilta` li jara li ommhom li kellha 83 sena tuża flusha bil-qies. Jilmentaw li mhux talli ma tax rendikont talli ivvinta u kabbar l-ispejjeż bla bżonn u dejjem ħadem bi flus kontanti sabiex ma jidhrux traċċi. Kwantu għall-€8000[2] li l-konvenut jgħid li ommu nefqet bħala spejjeż fir-rigward tal-kawżi 9/2007 u 94/2008, jargumentaw li dawn ma kinitx fetħithom waħedha iżda flimkien mal-konvenut u mat-tlett uliedha imsefrin u għalhekk l-ispejjeż tagħha kienu 1/5 li jiġu €1,600 minn €8000. Isostnu li l-ammont li ħallset in eċċess ta' €1,600 iridu jitqiesu għall-kalkolu tas-sehem riservat.

(6) Isostnu li kellhom jidħlu wkoll fis-sehem riservat l-flus li kienet ġibdet mill-kontijiet bankarji meta marret tgħix mal-konvenut, il-flus tal-pensjoni u benefiċċji soċjali li rċeviet wara li marret tgħix mal-konvenut u l-flus li kellha għand uħud mill-atturi u li kienet ġabrithom ukoll meta marret tgħix mal-konvenut, li jammontaw għal eluf ta' ewro.

(7) Jgħidu li jaqblu mal-ewwel Qorti li l-valur tal-prelegat tal-fond 44, Triq Gajdoru, Xagħra, kif ukoll id-donazzjoni ta' Lm400 lil kull wieħed minn uliedha, kellhom jidħlu fil-

[2] Fil-fatt jgħid li nefqet Lm8,000

kalkolazzjoni tas-sehem riservat; pero` jaċċennaw għall-fatt li l-ewwel Qorti erronjament ikkalkulat l-ekwivalenti ta' Lm400 bħala €1,332 u mhux €931.74.

(iv) <u>Ħlas ta' imgħaxijiet:</u>

Fir-raba' lok ma jaqblux mal-ewwel Qorti in kwantu ma kkundannatx lill-konvenut biex iħallas l-imgħax (ai termini tal-Art 615(2)). Jargumentaw li ma jarawx li kien hemm dawk l-estremi kkontemplati fil-proviso tal-Art. 615 sabiex il-Qorti ma tat xejn imgħax.

(v) <u>Kap tal-ispejjeż</u>

Fil-ħames lok isostnu li kemm-il darba din il-Qorti issib li l-aggravji tagħhom huma ġustifikati, għandha tvarja l-kap tal-ispejjeż.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenut (11.01.2016):</u>**

5. Il-konvenut appellat wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex is-sentenza hija ġusta u timmerita konferma, ħlief għall-korrezzjoni rigwardanti d-donazzjonijiet ta' Lm400-il wieħed, in kwantu l-ekwivalenti ta' Lm400 huwa €931.74 u mhux €1,332, kif korrettament osservaw l-atturi appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

6. Carmela Galea kellha ħdax-il wild:

- <u>is-seba' atturi</u>:

(1) Raymond Galea
(2) Mario Galea
(3) Marianna Galea
(4) Victoria Axiaq
(5) Judith Azzopardi
(6) Joseph Galea
(7) Josephine Grima

- <u>il-konvenut</u>:

(8) Peter Paul Galea

- <u>tlett ulied oħra</u> (mhux parti fil-kawża odjerna):

(9) Dimitri Galea
(10) Susanna Cassar
(11) Rita Cassar

7. Permezz tat-testment tagħha datat 3 ta' Awwissu 2007 fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech, Carmela Galea innominat lill-<u>konvenut bħala l-uniku eredi universali tagħha</u>, filwaqt li ħalliet lill-istess konvenut u lil ħamsa minn uliedha (ħamsa mis-seba' atturi odjerni) prelegat/legat rimuneratorju tas-sehem tagħha ta' 1/3 mill-fond 44, Triq Gajdoru, Xagħra. It-testment jaqra hekk:

"(i) <u>L-ewwel artikolu</u>
It-testatriċi qed tirrevoka, tħassar u tannulla kull testment li setgħet għamlet sa llum u trid u tordna illi l-wirt tagħha jiġi regolat minn dan it-testment ta' llum biss.

"(ii) <u>It-tieni artikolu</u>

It-testatriċi trid u tordna illi l-flus kollha illi jkunu jappartjenu lilha fil-ġurnata tal-mewt tagħha jiġu kkonvertiti f' quddies għal ruħha u skont il-pija intenzjoni tagħha.

"(iii) <u>It-tielet artikolu</u>
It-testatriċi tħalli b'titolu ta' prelegat u legat skont il-każ a favur ta' uliedha Vitorina sive Vicky mart Laurence Axiak, Raymond, Mario, Peter, Judith mart Joseph Azzopardi u MaryAnne xebba, aħwa Galea, terz indiviż ossija kull dritt lilha spettanti mill-fond numru erbgħa u erbgħin (44) Triq Gajdoru, x-Xagħra, Għawdex fis-segwenti kwoti: Mario u Peter żewġ kwoti kull wieħed, Vitorina, Raymond, Judith u MaryAnne kwota kull wieħed. Dan il-legat jitħalla lill-imsemmija legatarji bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom f' każ ta' premorjenza għat-testatriċi u bid-dritt tal-akkrixximent bejniethom skont il-liġi. Dan il-legat qed jitħalla in kumpens ta' kwalunkwe kuri u assistenzi reżi mil-legatarji lit-testatriċi, konsistenti f' irqad magħha matul il-lejl sal-elfejn u ħamsa (2005).

"(iv) <u>Ir-raba' artikolu</u>
It-testatriċi teżenta lil uliedha kollha mill-kollazzjoni u imputazzjoni ta' dak li ħadu b'titolu gratwitu mingħand it-testatriċi matul ħajjitha, inkluża donazzjoni ta' erba' mitt lira maltin (Lm400) kontanti donata lil kull wieħed u waħda minn uliedha.

"(v) <u>Il-ħames artikolu</u>
Salv il-predispost, it-testatriċi qed tinnomina u tistitwixxi bħala uniku eredi universali tal-beni tagħha kollha in ġenerali, preżenti u futuri, mobbli u immobbli, lil binha Peter Paul magħruf bħala Peter Galea, bil-karta tal-identita` numru 316665M, bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedu kollha f' każ ta' premorjenza għat-testatriċi. Din in-nomina tal-eredi qed issir biex it-ttestatriċi tikkompensa lil binha Peter Paul sive Peter talli ilu jdur biha u jirrendilha s-servizzi, kuri u assistenzi illi hija kollha bżonn matul dawn l-aħħar sentejn u ta' dawk is-servizzi, kuri u assistenzi li għad jirrendilha fil-futur.

"(vi) <u>Is-sitt artikolu</u>
It-testatriċi trid u tordna illi jekk xi ħadd mill-imsemmija wliedha jipprova b'xi mod jimpunja d-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha, huwa jiddekadi minn kull benefiċċju lilu mħolli b'dan it-testment u jikkonsegwixxi biss il-leġittima skont il-liġi."

8. Dan ifisser li lill-atturi odjerni ma ħallitilhomx l-istess:

- lill-atturi <u>Raymond, Mario, Marianna, Victoria u Judith</u> (flimkien

mal-konvenut) ħallitilhom legat ta' 1/3 mill-fond 44, Triq ta' Gajdoru, Xagħra. Kif spjegat l-ewwel Qorti m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-valur ta' dan it-1/3 huwa ta' €24,000. Il-kwoti mħollijin lill-konvenut bħala prelegat u lill-imsemmja ħames atturi bħala legat, huma kif isegwi:

| | | |
|---|---|---|
| Konvenut | $^2/_8$ | €6,000 |
| Mario | $^2/_8$ | €6,000 |
| Raymond | $^1/_8$ | €3,000 |
| Marianna | $^1/_8$ | €3,000 |
| Victoria | $^1/_8$ | €3,000 |
| Judith | $^1/_8$ | €3,000 |

- u lill-atturi Joseph u Josephine jiġi li ħallitilhom biss is-sehem riservat skont il-liġi.

9. Carmela Galea mietet fil-21 ta' April 2010, u sena wara, fit-28 ta' April 2011, l-atturi odjerni, kemm dawk it-tnejn li ħadu biss is-sehem riservat skont il-liġi, u kif ukoll dawk il-ħamsa li ħadu l-legat skont it-testment ippreżentaw nota fir-Reġistru tal-Qrati ta' Għawdex fejn iddikjaraw li:

> *"….qegħdin jirrinunzjaw għall-wirt tal-imsemmija Carmela Galea filwaqt li jirriservaw favur tagħhom il-**legat remuneratorju** fuq imsemmi kif ukoll il-**leġittima** lilhom spettanti skond il-liġi.*" (enfasi ta' din il-qorti)

10. Għalkemm ma ġiex speċifikat min minnhom kien qed jirriserva l-legat/sehem riservat, l-atturi Joseph u Josephine neċessarjament kienu qed jirriservaw is-sehem riservat biss filwaqt li Raymond, Mario,

Marianna, Victoria u Judith jidher li kienu qed jirriservaw il-legat kif ukoll is-sehem riservat favur tagħhom. Fir-rikors tal-appell tagħhom qalu li din in-nota saret aktar bħala formalita` *"billi strettament lanqas kien hemm il-ħtieġa li ssir".*

11. Fil-kawża odjerna l-atturi ukoll ma għamlux distinzjoni bejn dawk il-ħamsa li tħallielhom il-legat u dawk it-tnejn li ma tħallilhomx il-legat. Huma flimkien għamlu talba ġenerika biex jiġu immessi fil-pussess tal-legat u biex jitħallsu sehmhom mis-sehem riservat.

12. Stabbilit dan kollu, din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji tal-atturi.

**L-ewwel aggravju**: *l-apprezzament tal-provi*

13. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw li l-ewwel qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi, ossia li emmnet għal kollox il-verżjoni tal-konvenut u martu. Isostnu li jeżistu raġunijiet validi biżżejjed biex jitfgħu dubju raġonevoli fuq il-ġustizzja tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti. Jidher li dan l-ilment huwa b'referenza għall-komputazzjoni tas-sehem riservat.

14. Jekk dan hux il-każ, din il-Qorti ser tikkunsidrah iktar 'il quddiem fil-

kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ilmenti tagħhom fir-rigward.

**<u>It-tieni aggravju</u>**: *l-eċċezzjoni tad-dekadenza mil-legat*

15. Dan jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li l-atturi "*ddekadew mil-legat lilhom imħolli u dan kif previst fl-istess testment"*. L-ewwel qorti irraġunat illi ladarba l-atturi fetħu din il-kawża *"sabiex appuntu ma jimxux mad-dispożizzjonijiet tat-testment iżda jitolbu l-leġittima allura dan neċessarjament jimplika l-impunjazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' ommhom."*

16. Il-konvenut appellat fir-risposta tiegħu isostni li kienet korretta l-ewwel Qorti. Jaċċenna għall-fatt li fis-sitt artikolu tat-testment tagħha, ommhom enfasizzat illi jekk xi ħadd minn uliedha "*jipprova b'xi mod jimpunja d-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha*" huwa jiddekadi minn kull benefiċċju imħolli lilu u jikkonsegwixxi biss is-sehem riservat skont il-liġi.

17. Issa kif osservat (*supra*) din il-Qorti, is-seba' atturi għamlu talba ġenerika għall-immissjoni fil-pussess tal-legat u għall-ħlas tas-sehem riservat, minkejja li <u>Raymond, Mario, Marianna, Victoria u Judith</u> biss huma legatarji filwaqt li <u>Joseph u Josephine</u> huma intitolati biss għas-sehem riservat skont il-liġi. Madanakollu din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan

il-fatt għandu iġib fis-seħħ l-applikazzjoni tal-artikolu sitta tat-testment. L-azzjoni odjerna jista' jingħad li ma ġietx intavolata sew, in kwantu jiġi li Raymond, Mario, Marianna, Victoria u Judith qed jitolbu l-immissjoni fil-pussess tal-legat u wkoll is-sehem riservat, (apparti li Joseph u Josephine barra l-ħlas tas-sehem riservat jiġi li qed jitolbu l-immissjoni fil-legat meta ma tħalla l-ebda legat lilhom). Iżda bil-fatt li l-atturi Raymond, Mario, Marianna, Victoria u Judith ġew li qed jitolbu kemm l-immissjoni fil-pussess tal-legat u kif ukoll il-ħlas tas-sehem riservat qajla jista' jingħad li qed jippruvaw "jimpunjaw" id-dispożizzjonijiet tat-testment. Bl-ebda mod ma huma qegħdin jippruvaw jattakkaw xi dispożizzjoni tat-testment ta' ommhom *per se.* U jekk jirriżulta li qed jitolbu iktar minn dak li huma intitolati għalih, f'dak il-każ sta għall-qorti li ttihom sa fejn ħaqqhom u xejn iktar.

18. **Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa fondat u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għandha tiġi miċħuda.**

19. Jiġi ppreċiżat li għalkemm il-konvenut appellat jargumenta li fi kwalunkwe każ il-legat dovut lil Raymond, Mario, Marianna, Victoria u Judith għandu jittieħed akkont tas-sehem tagħhom mis-sehem riservat u mhux in aġġunta miegħu, u dan ai termini tal-Artikoli 620(5) tal-Kap 16:

> "5. *Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma*

> *tista' tirrinunzja għal ebda dispożizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat."*

wieħed ma jridx jinsa li l-legat in kwistjoni huwa wieħed **rimuneratorju** u għalhekk f'dan il-każ din il-Qorti ma taqbilx li għandu japplika dan il-provvediment, ladarba Carmela Galea stess qed tirrikonoxxi l-legat bħala ħlas ta' dejn. Fil-fatt (kif ser naraw) l-ewwel Qorti naqqset il-prelegat rimuneratorju li ħa l-konvenut mill-konteġġ tas-sehem riservat; u għalhekk l-istess irid isir fir-rigward tal-legati rimuneratorji tal-ħames atturi konċernati.

**It-tielet aggravju**: *il-konsistenza tas-sehem riservat*

20. L-ewwel Qorti, għall-finijiet tal-komputazzjoni tas-sehem riservat, waslet għall-konklużjoni li l-valur tal-eredita` ta' Carmela Galea kien ta' €132,021. Dan waslet għalih hekk:

Ammont disponibbli dakinhar tal-mewt tagħha:

| | |
|---|---|
| Il-valur tat-$^{1}/_{3}$ indiviż li kellha mill-fond 44, Triq Gajdoru | 24,000+ |
| Ammont dovut lil Carmela Galea mill-konvenut (self) | 70,000 |
| Flus fir-residenza tagħha | 2,000 |
| | 96,000 |

Tnaqqis:

| | |
|---|---|
| Valur tal-prelegat li tħalla lill-konvenut (2/8 minn 24,000) | 6,000(-) |

Żieda:

| | |
|---|---|
| Donazzjoni ta' Lm400 lil kull wild (€1,332[3] x 11) | 14,652+ |
| Donazzjoni ta' €9,123 lit-tliet aħwa li mhux fil-kawża (€9,123 x 3) | 27,369 |
| | 42,021(+) |
| TOTAL | **132,021** |

21. Għalhekk qieset li s-sehem riservat huwa ta' nofs €132,021 u cioe` **€66,010.50**[4], u allura €6,001 lil kull wieħed u waħda mill-ħdax-il ulied inkluż l-atturi. Minn dan l-ammont imbagħad naqqset id-donazzjoni ta' €1,332 li diġa` ħadu, li jwassal għal €4,669. Qieset li t-tlett aħwa fl-Awstralja ħadu kull wieħed €9,123, cioe` differenza ta' €4,454, li fuq tlieta tiġi €13,362. Qieset ukoll li kienu l-atturi li għażlu volontarjament li ma jħarrkux lit-tliet ħuthom f'din il-kawża biex jirritornaw lura dawn l-ammonti u għalhekk kienu l-atturi stess li kellhom ibatu tali nuqqas. Konsegwentement ikkalkulat li minn kull sehem dovut lis-seba' atturi kellha titnaqqas ukoll is-somma ta' €1,909 (€13,362 ÷ 7 atturi). B'hekk ikkonkludiet li s-sehem riservat dovut mill-konvenut lil kull wieħed mill-atturi huwa ta' €2,545.

22. Din il-Qorti issa ser tgħaddi biex tqis waħda waħda s-seba' punti/ilmenti tal-atturi appellanti fir-rigward tal-komputazzjoni tas-sehem riservat.

[3] L-ewwel Qorti erronjament qieset li l-ekwivalenti ta' Lm400 huwa €1332 flok **€931**
[4] stante li in-numru ta' ulied huwa ħamsa jew iżjed, ai termini tal-Art 616(1)

23. Fl-ewwel lok l-atturi jilmentaw li l-ewwel Qorti kellha tieħu l-valur sħiħ tas-sehem li t-testatriċi kellha mill-fond 55, Triq Għajn Qamar, Xagħra, (li inbiegħ ftit xhur qabel ma mietet) cioe` is-sehem tagħha (11/15) mill-valur dikjarat mill-perit tad-dipartiment tat-taxxi interni (€250,000) u mhux mill-prezz indikat fuq il-kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2009.

24. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-ilment huwa fondat. Irrispettivament mill-valur ta' €250,000 mogħti mill-perit għall-finijiet ta' taxxa, il-prezz dikjarat fuq il-kuntratt pubbliku efffetivament kien ta' €186,349 u għalhekk din il-Qorti ser tqis li r-rikavat tal-prezz li mess lil Carmela Galea kien ta' 11/15 minn tali ammont (€136,656).

25. Fit-tieni lok l-atturi appellanti jsostnu li fil-komputazzjoni tas-sehem riservat kellhom jiddaħħlu l-flus li Carmela Galea tat lil uliedha tal-Awstralja (€9,123 x 3, cioe` total ta' €27,369). L-ewwel Qorti fil-fatt daħħlet tali somma fir-rikostruzzjoni tal-patrimonju tagħha; hija imbagħad wara li dehrilha li l-ammonti li ħadu jeċċedu s-sehem riservat, u wara li qieset li l-atturi ma daħħlux lil dawn it-tliet ħuthom fil-kawża sabiex jitolbu riduzzjoni ta' tali donazzjoni, irriteniet li d-differenza kellhom ibatuha s-seba' atturi. Il-konvenut fir-risposta tiegħu isostni li l-eżerċizzju li għamlet l-ewwel Qorti kien skont il-liġi, u jirreferi għall-Artikolu 1813 u 1815.

> “***1813.*** *Id-donazzjonijiet ta’ kull xorta, ukoll jekk magħmula f’kontemplazzjoni ta’ żwieġ, lill-għarajjes u lit-tfal li jitwieldu miż-żwieġ tagħhom, għandhom, jekk fiż-żmien li tinfetaħ is-suċċessjoni tad-donatur jinsab li jaqbżu s-sehem tal-beni li d-donatur, skont ir-regola miġjuba fl-artikolu 614, seta’ jiddisponi minnu, jiġu mnaqqsa sa dak is-sehem. Igħoddu r-regoli dwar it-tnaqqis ta’ dispożizzjonijiet ta’ testment.*
>
> “***1815.*** *It-tnaqqis tad-donazzjonijiet jista’ jiġi mitlub biss minn dawk li favur tagħhom il-liġi tirriserva sehem mill-beni tal-mejjet, u mill-werrieta tagħhom jew minn dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħandhom.*”

26. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li kien il-każ li l-atturi jħarrku lil ħuthom ta’ barra għat-tnaqqis mid-donazzjonijiet tagħhom għaliex (kif ser jiġi muri ‘l quddiem f’para 43) ma jirriżultax li d-donazzjonijiet li tat Carmela Galea (inkluż dawk li tat Susanna, Rita u Dimitri) qabżu s-sehem disponibbli. Għalhekk ma taqbilx bil-mod kif l-ewwel Qorti qieset l-ammonti li kull wieħed minn dawn it-tliet ulied ħadu oltre s-sehem tagħhom tas-sehem riservat u naqqsithom mis-sehem li kull wieħed mill-atturi għandu mis-sehem riservat.

27. Għalhekk dan il-ilment tal-atturi huwa ġustifikat f’dan ir-rigward.

28. **<u>Fit-tielet lok</u>** isostnu li l-ewwel Qorti kellha ddaħħal fil-konteġġ tas-sehem riservat:

(i) l-ammont ta’ €46,587 rappreżentanti ċ-ċekk maħruġ minn Karkanja Ltd lil ommhom u li hija ġġirat favur il-konvenut;

(ii) il-flus li tat f'benefiċenza.

29. Kwantu għall-ammont ta' €46,587 il-konvenut appellat ifakkar li ommu kienet silfitu €70,000, u li l-ewwel qorti fil-fatt daħħlet tali ammont fil-komputazzjoni, u jfakkar ukoll li fix-xiehda tiegħu kien spjega li dan is-self kien sar in parti billi ommu ġġiratlu ċ-ċekkijiet tal-Karkanja, u in parti f'kontanti. Jispjega li Karkanja kienet ġabret dan iċ-ċekk ġirat fuqu mingħandu u ħallsitu f'kontanti tali ammont ta' €46,587 (fatt li jikkonferma wkoll Euchar Vella, rappreżentant ta' Karkanja, li ġie ukoll esebit minnu u fuqu tidher il-firma ta' Carmela Galea). Il-konvenut appellat jargumenta li jekk dan l-ammont (li jifforma parti mis-€70,000) jiżdied fil-komputazzjoni ikun ifisser li iddaħħal darbtejn. Din il-Qorti jidhrilha li din il-verżjoni hija verosimili u ma jirriżultawx provi kontrarji.

30. Kwantu għall-atti ta' benefiċenza li għamlet Carmela Galea wara li rċeviet ir-rikavat tas-sehem tagħha mill-fond 55 Triq Għajn Qamar, Xagħra, il-konvenut u martu jgħidu li ommhom kienet fil-fatt tagħti flus lill-karita` iżda ma jirriżultax fiex kienu jikkonsistu. Il-konvenut xehed li meta kien staqsiha x'se tagħmel bil-flus kienet tgħidlu "*Peter dawk insihom dawk, dawk ħa nieħu ħsiebhom jien kienet tgħidli.*"[5] Martu Sandra Galea wkoll xehdet li *"…sa fejn naf jien, karita` kienet tagħti ħafna, quddies kienet tagħmel ħafna, jiġifieri…*"[6]. Mhux magħruf x'kien l-ammont li kienet

[5] Fol 380
[6] Fol 454

tat f'benefiċenza/Quddies, dan apparti li l-flus li nefqet fil-Quddies jirrappreżentaw elemosina u mhux donazzjoni. Madanakollu din il-Qorti aktar 'il quddiem, wara li tagħmel il-kunsiderazzjonijiet kollha rigwardanti dan l-aggravju sejra tara jekk l-ammont li suppost jirrappreżenta flus mogħtija f'benefiċenza/Quddies hux wieħed realistiku, u fin-nuqqas tali każ ser tirriduċih *arbitrio boni viri* meta tiġi biex tikkompjuta s-sehem riservat.

31. Fir-raba lok dwar x'jidħol fil-kelma "donazzjonijiet" li jkunu saru mit-testatur taħt l-Artikolu 648 tal-Kap 16 jirreferu għan-noti tal-Prof V Caruana Galizia fejn jgħid hekk:

> *"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property that was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz. on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitia portio is due…even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights. Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased's estate are added not only those made purely "animo donandi" but also those made in remuneration for services or out of gratitude…"*

32. Dan il-bran jikkonferma bla pregudizzju ghal dak li jinghad fil-paragrafu 19 dwar il-legal rimuneratorju li, (kif għamlet l-ewwel Qorti) id-donazzjonijiet li saru mid-decuius iridu għall-finijiet tal-konteġġ tas-sehem

riservat jingħaqdu <u>b'mod fittizju</u> mal-assi tal-istess decuius. Jikkonferma wkoll li huwa f'każ li d-donazzjonijiet ikunu qabżu l-*legitima portio* li tista' ssir talba minn dawk li favur tagħhom huwa riservat is-sehem sabiex tali donazzjonijiet (jew parti minnhom) jerġgħu jiddaħħlu <u>b'mod attwali</u> mal-assi.

33. <u>Fil-ħames lok</u> l-atturi appellanti jsostnu li l-konvenut bħala prokuratur ta' ommhom kellu jara li hija qed tuża flusha bil-qies. Jilmentaw li mhux kredibbli li ommhom għamlet benefiċenza/quddies f'eluf ta' ewro f'temp ta' erba' xhur (minn meta sar il-bejgħ tal-fond sakemm mietet). Il-konvenut appellat fir-rigward wieġeb li jekk kellu jagħti xi rendikont bħala prokuratur t'ommu dan kien proprju lil ommu mhux lilhom li la huma l-mandanti u lanqas l-eredi tagħha. Żied jgħid li għalkemm ommu fiżikament kellha problemi ta' saħħa, mentalment kienet perfettament f'sensiha u ma kinitx interdetta. F'dan ir-rigward din il-Qorti jidhrilha li għandu raġun il-konvenut: la kien obbligat jagħti lill-atturi xi rendikont ta' dak li nefqet ommu, u lanqas kellu d-dritt jindaħal lil ommu dwar kif għandha tonfoq flusha. Jekk l-atturi appellanti ħassew li ommhom ma kinitx mentalment f'sikkitha kien allura sta għalihom li jieħdu l-passi meħtieġa biex din tiġi interdetta.

34. L-atturi appellanti f'dan l-istess aggravju jirreferu wkoll għall-ispejjeż tal-kawżi 9/2007 u 94/2008. Jaċċennaw għax-xiehda tal-

konvenut fejn qal li ommu ħarġet tmint elef għall-ispejjeż tal-kawżi u jargumentaw li dawn ma fetħithomx waħedha fil-konfront tagħhom iżda saru minnha, mill-konvenut odjern u mit-tlett aħwa l-oħra Susanna, Rita u Dimitri. Għalhekk isostnu li jekk l-ispejjeż tal-kawżi jammontaw għal €8,000 is-sehem li kellha toħroġ ommhom kien €1,600 u mhux €8,000.

35. Fir-rigward tal-imsemmija kawżi din il-Qorti tosserva li l-konvenut kien xehed hekk:

> *"Mill-flus li messewha mill-bejgħ tal-15 ta' Diċembru 2009 ommi kienet tatni wkoll daqs Lm8,000 (daqs €18,634.99) biex tħallasni tal-flus li kont selliftha qabel (s' intendi dawn l-Lm8,000 kienet raddithomli lura mingħajr kalkolu ta' imgħax għax ma qgħadtx infittex m'ommi) biex tkun tista' tħallas l-ispejjeż konnessi maż-żewġ kawżi li kellna qabel."*[7]

36. Issa kwantu għall-kawża 9/2007/AE bejn *Carmela Galea, Susanna Cassar, Dimitri Galea u Karkanja Ltd v. Raymond Galea, Mario Galea, Josephine Grima, Marianna Galea, Victoria Axiaq, Judith Azzopardi Rita Cassar u Joseph Galea* (kawża fejn intalab il-bejgħ tal-proprjeta` 55 Triq Għajn Qamar, Xagħra ai termini tal-Art. 495A) din ġiet deċiża fit-23 ta' Mejju 2008 fejn il-Qorti ċaħdet it-talbiet. Spejjeż baqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet minħabba n-novita` tal-kwistjoni b'dan li l-ispejjeż tal-perit tekniku kellhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

37. Kwantu għall-kawża 94/2008/AE bejn *Carmela Galea, Peter Paul*

---
[7] Fol 192

*Galea, Susanna Cassar, Dimitri Galea u Rita Cassar v. Raymond Galea, Mario Galea, Josephine Grima, Marianna Galea, Victoria Axiaq, Judith Azzopardi u Joseph Galea*, (kawża fejn l-atturi talbu l-qasma tal-ġid komuni) ingħatat sentenza in parte fit-23 ta' Jannar 2009 fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li l-wirt tal-missier ma setax jiġi diviż stante li soġġett għall-użufrutt favur Carmela Galea. Eventwalment il-partijiet ittransiġew il-kawża u ġiet ċeduta fis-27 ta' Novembru 2009. Fis-26 ta' Novembru 2009[8] kienu għamlu kuntratt fejn iddikjaraw li riedu jittransiġu l-pendenzi ta' bejniethom u jiddividu l-proprjeta` miżmuma in komuni fis-sens li fir-rigward tal-ewwel porzjon dan imiss lill-ewwel parti: (Carmela Galea fis-sehem ta' 11/15 u lil Rita Cassar, Susanna Cassar, Dimitri Galea u Peter Paul Galea fis-sehem ta' 1/15 kull wieħed) u fir-rigward tat-tieni porzjon dan imiss lit-tieni parti: (lis-seba' aħwa l-oħra fis-sehem ta' 1/7 kull wieħed). Fl-istess att ġie dikjarat hekk:

> *"Rigward l-ispejjeż tal-kawża fuq imsemmija, dawn jitħallsu in kwantu għall-ispejjeż tar-reġistru kull parti tħallas skont is-sehem tagħha filwaqt li kull parti tħallas lill-avukat tagħha. It-tieni parti qegħda preżenzjalment tgħaddi lill-ewwel parti sehmha mill-ispejjeż tar-reġistru ammontanti għal €1,162.85. L-ewwel parti qed tobbliga ruħha u tintrabat illi sa mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara dan l-att iċċedi l-kawża fuq imsemmija u tħallas l-ispejjeż kif hawn miftiehem."*

38. Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li għalkemm l-atturi appellanti jilmentaw li fiż-żewġ kawżi surriferiti ommhom ħallset l-ispejjeż tal-atturi kollha (cioe` mhux tagħha biss) fl-ammont ta' <u>€8,000</u>, il-konvenut stess

[8] Fol 36 et seq

jgħid li fil-fatt ħallset Lm8,000 (li jiġu madwar €18,635). Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-*printouts* maħruġa mill-Qorti rigwardanti l-ispejjeż relattivi għaż-żewġ kawżi, kif ukoll xi kontijiet u riċevuti maħruġa mill-Qorti stess u anke il-kont tal-avukat; madanakollu minn ħarsa lejn dawn l-imsemmija dokumenti ma setgħetx tifhem kif dawn iwasslu għall-ammont ta' €18,635.

39. Fi kwalunkwe każ, ladarba l-konvenut stess qed jammetti li kien għaddielha tali somma biex tħallas l-ispejjeż tal-kawżi imbagħad hija ħallsitu tali somma lura, din il-Qorti ser toqgħod fuq tali ammont. Qegħda tqis ukoll li l-omm jidher li ħallset oltre l-ispejjeż tagħha biss għaliex il-konvenut fix-xiehda tiegħu ma jispeċifikax li dak li ħallset kien sehemha, iżda jirreferi għas-somma ta' €18,635 bħala l-ispejjeż konnessi maż-żewġ kawżi. Għalhekk in kwantu ħallset għall-ispejjeż tal-atturi l-oħra fil-kawżi dawn għandhom jitqiesu bħala "donazzjoni". Peress li mhux faċli li tasal biex tistabbilixxi s-somma eżatta ta' tali "donazzjoni" din il-Qorti ser tibbaża l-konteġġ ta' tali "donazzjoni" fuq is-sehem tal-omm mill-proprjeta` mertu taż-żewġ kawżi: cioe` 55, Triq Għajn Qamar, Xagħra. Jirriżulta li l-omm finalment ħadet 11/15 mill-porzjon tal-proprjeta` li mess lilha u lill-atturi li kienu magħha fil-kawża 94/2008/AE; għalhekk din il-Qorti ser tqis li mill-€18,635 li ħallset l-omm in linea tal-ispejjeż rigwardanti ż-żewġ kawżi (kemm il-kawża 94/2008/AE kif ukoll il-kawża 9/2007/AE), 4/15

minnhom[9] kienu oltre dak dovuti minnha u għalhekk ser jitqiesu bħala "donazzjonijiet" għall-finijiet tal-massa ereditarja u l-komputazzjoni tas-sehem riservat.

40. Fis-sitt lok l-atturi appellanti jippretendu li l-ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-flus li ommhom kellha fil-banek, il-flus tal-pensjoni u benefiċċji soċjali li rċeviet tul is-snin u l-flus li kellha għand uħud mill-atturi u li imbagħad ħadithom lura. Il-konvenut appellat dwar dan jaċċenna għall-fatt li l-atturi ma taw l-ebda indikazzjoni ta' kemm hu l-ammont li jippretendu li kellu jiddaħħal fil-konteġġ tas-sehem riservat. Ifakkar li meta għalqet il-kontijiet kienet marret personalment hi u ffirmat hi, kif jirriżulta mill-provi dokumentarji miġjuba mill-bank. Ifakkar ukoll li minn dawn id-dokumenti jirriżulta li Carmela Galea kellha bżonn il-flus għal raġunijiet mediċi tant li r-rappreżentant tal-bank esebixxa ittra tat-tabib li tikkonferma dan. Kwantu għall-pensjoni u benefiċċji soċjali jikkummenta li huwa ridikolu li f'kawża għal-likwidazzjoni tas-sehem riservat jiġi pretiż li dak is-sehem jinħadem fuq dak li daħħlet tul ħajjitha minflok fuq dak li kellha f'mewtha. F'dan ir-rigward isostnu li kellha raġun l-ewwel Qorti tikkummenta li dak li ressqu l-atturi kienu biss "*ħafna konġetturi u xejn aktar*".

41. Din il-Qorti m'għandhiex wisq xi żżid ma dak li jgħid il-konvenut.

[9] 4/15 minn €18,635 jiġu €4,970.

42. <u>Fis-seba' lok</u> l-atturi appellanti jgħidu li jaqblu mal-ewwel Qorti li l-valur tal-prelegat tal-fond 44, Triq Gajdoru, Xagħra, kif ukoll id-donazzjoni ta' Lm400 lil kull wieħed minn uliedha, kellhom jidħlu fil-konteġġ tas-sehem riservat; pero` jaċċennaw għall-fatt li l-ewwel Qorti erronjament ikkalkulat l-ekwivalenti ta' Lm400 bħala €1,332 u mhux €931.74. Il-konvenut appellat fil-fatt jaqbel mal-atturi fir-rigward. Iżid jippreċiża li:

- Minħabba li l-ewwel Qorti ekwiparat l-ammont ta' Lm400 għal €1332 flok €931.74, minflok is-sehem riservat ta' €6,001 iċ-ċifra korretta kellha tkun €5,800.82 għal kull wild;

- Minn tali ċifra trid titnaqqas €931.74 (li ħa kull wieħed mill-ulied) biex b'hekk jiġi li kull wild imissu sehem riservat ta' €4,869.08;

- Kwantu għat-tliet aħwa tal-Awstralja, l-ammont in eċċess tal-porzjon disponibbli jitla' għal €4,253.92 (€9,123 - €4869.08) u għalhekk jiġi li ħadu flimkien eċċess ta' €12,161.22 li jridu jbatuhom l-atturi peress li ma talbux tnaqqis tad-donazzjonijiet relattivi.

- Għalhekk €12,161.22 diviż b'(7) jiġi €1,823.11 u allura kull wieħed mill-atturi għandu jnaqqas €1,823.11 mis-sehem dovut

lilu, cioe` huwa (il-konvenut) jiġi li għandu jħallas lil kull wieħed mill-atturi **€3,405.97**.

43. Din il-Qorti in vista tal-kunsiderazzjonijiet tagħha rigwardanti dan it-tielet aggravju tagħmel is-segwenti kalkoli:

**<u>Ammont disponibbli dakinhar tal-mewt ta' Carmela Galea</u>**

| | | |
|---|---|---|
| Il-valur tat-1/3 indiviż li kellha mill-fond 44, Triq Gajdoru | | 24,000+ |
| Ammont dovut lil Carmela Galea mill-konvenut (self) | | 70,000 |
| Flus fir-residenza tagħha | | 2,000 |
| Total | <u>96,000</u> | <u>96,000</u> |

**<u>Tnaqqis:</u>**

| | | |
|---|---|---|
| Valur tal-prelegat/legati li tħallew lill-konvenut u 5 atturi | <u>24,000</u> | (-) |

**<u>Żieda:</u>**

| | | |
|---|---|---|
| Donazzjoni ta' Lm400 lil kull wild (€931x 11) | | 10,241+ |
| Donazzjoni ta' €9,123 lit-tliet aħwa fl-Awstralja | | 27,369 |
| Spejjeż li ħallset żejda fir-rigward taż-żewġ kawżi | | 4,970 |
| Benefiċenza u/jew ħadhom il-konvenut | | 20,000[10] |
| Total | <u>62,580</u> | <u>62,580</u>(+) |

<u>TOTAL **€134,580**</u>

---

[10] Din il-Qorti tqis li f'Diċembru 2009 Carmela Galea daħħlet **€136,656 mis-sehem tagħha tal-fond 55 Triq Għajn Qamar, Xagħra :** minnhom silfet **€70,000** lill-konvenut, tat **€27,369** lit-tfal tal-Awstralja, ħallset lill-konvenut **€18,635** re spejjeż tal-kawżi.
Ifisser li hemm bilanċ ta' €20,652 *unaccounted for* minn Diċembru 2009 sa April 2010 meta mietet. M'hemmx prova ċara li somma bħal dik ingħatat f'perjodu qasir ta' 4 xhur. Carmela Galea kienet tgħix mal-konvenut u martu u wieħed jippretendi li kienu jafu lil min kienu qed jingħataw il-flus anke tenut kont tal-fatt li ma kinitx indipendenti mill-konvenut (fil-fatt kienet tbati bl-inkontinenza).
**Għalhekk din il-Qorti *arbitrio boni viri* qegħda tqis li intefqu biss €652 f' Quddies, u li l-bqija (€20,000) intefqu f' benefiċenza u/ jew ħadhom il-konvenut u għalhekk għandhom jiżdiedu fil-konteġġ tas-sehem riservat.**

Għalhekk is-sehem riservat jiġi **<u>€67,290</u>** li bejn 11-il wild jiġi €6,117 kull wieħed.

**(B'referenza għall-para. 26 jiġi aċċennat il-fatt li d-donazzjonijiet ma jeċċedux is-sehem disponibbli).**

Minn €6,117 trid titnaqqas id-donazzjoni ta' €931 li ingħatat lil kull wild, li twassal għas-somma ta' **<u>€5,186</u>** kull wieħed.

L-atturi għalhekk iridu jieħdu is-segwenti:

| | |
|---|---|
| Joseph Galea | sehem riservat €5,186 |
| Josephine Galea | sehem riservat €5,186 |
| Mario Galea | sehem riservat €5,186 + legat rimuneratorju (2/8 minn 1/3) |
| Raymond Galea | sehem riservat €5,186 + legat rimuneratorju (1/8 minn 1/3) |
| Victoria Axiaq | sehem riservat €5,186 + legat rimuneratorju (1/8 minn 1/3) |
| Marianna Galea | sehem riservat €5,186 + legat rimuneratorju (1/8 minn 1/3) |
| Judith Azzopardi | sehem riservat €5,186 + legat rimuneratorju (1/8 minn 1/3) |

44. Ifisser li l-konvenut għandu jimmetti lill-ħames atturi Mario, Raymond, Victoria, Marianna, u Judith fil-pussess tal-fond 44, Triq Gajdoru, Xagħra skont l-ishma rispettivi tagħhom, u jħallas €5,186 lil kull wieħed mis-seba' atturi bħala is-sehem riservat spettanti lilhom (total **<u>€36,302</u>**.)

**<u>Ir-raba' aggravju</u>** *l-imgħax*

45. "*615. (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara*

> *jew ir-raġel jibqa' ħaj.*
>
> "*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*
>
> "*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."* (enfasi ta' din il-qorti)

46. L-ewwel Qorti applikat l-Artikolu 615 (senjatament il-*proviso* tas-sub-inċiż (2)) u rriteniet li m'għandux jiġi kkalkolat imgħax fuq l-ammont dovut mill-konvenut lill-atturi mid-data tal-mewt tal-omm sad-data tas-sentenza, dan għaliex qieset li l-azzjoni saret b'sens ta' pika da parti tal-atturi, meta l-konvenut kien dispost jillikwida s-sehem riservat qabel ma ġiet intavolata l-kawża, u wkoll għaliex qieset li kieku l-ħames atturi legatarji ma għamlu xejn kienu jispiċċaw b'iktar f'idejhom (€3000) milli l-€2,545 li llikwidat bħala sehem riservat.

47. Din il-Qorti, in vista tal-fatt li qed tasal għal konklużjoni ferm differenti minn dik tal-ewwel Qorti ma taqbilx li l-konvenut m'għandux iħallas imgħax.

**Is-sitt aggravju:**

48. Finalment l-atturi jsostnu li kemm-il darba din il-Qorti issib li l-

aggravji tagħhom huma ġustifikati, għandha tvarja l-kap tal-ispejjeż.

49. Din il-Qorti jidhrilha li fil-fatt l-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**DECIDE:**

50. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet kif ġej:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida s-sehem riservat spettanti lil kull wieħed minn uliedha (inkluż l-atturi) fl-ammont ta' ħamest elef, mija u sitta u tmenin ewro (**€5,186**);

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut iħallas lis-seba' atturi is-sehem riservat spettanti lilhom (total sitta u tletin elf, tlett mija u żewġ ewro **€36,302**) kif ġej:

| | |
|---|---|
| Joseph Galea | ħamest elef, mija u sitta u tmenin ewro(€5,186) |
| Josephine Galea | ħamest elef, mija u sitta u tmenin ewro(€5,186) |
| Raymond Galea | ħamest elef, mija u sitta u tmenin ewro(€5,186) |
| Victoria Axiaq | ħamest elef, mija u sitta u tmenin ewro(€5,186) |
| Marianna Galea | ħamest elef, mija u sitta u tmenin ewro(€5,186) |
| Judith Azzopardi | ħamest elef, mija u sitta u tmenin ewro(€5,186) |
| Mario Azzopardi | ħamest elef, mija u sitta u tmenin ewro(€5,186) |

**Bl-imgħax mid-data tal-mewt ta' Carmela Galea sad-data ta' din is-sentenza.**

(3) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tilqa' it-tielet talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut jimmetti lis-segwenti ħames atturi (legatarji) fil-pussess tal-legat rimuneratorju (rigwardanti l-fond 44, Triq Gajdoru, Xagħra) kif ġej:

| | |
|---|---|
| Mario Galea | legat rimuneratorju ($^2/_8$ minn $^1/_3$) |
| Raymond Galea | legat rimuneratorju ($^1/_8$ minn $^1/_3$) |
| Victoria Axiaq | legat rimuneratorju ($^1/_8$ minn $^1/_3$) |
| Marianna Galea | legat rimuneratorju ($^1/_8$ minn $^1/_3$) |
| Judith Azzopardi | legat rimuneratorju ($^1/_8$ minn $^1/_3$) |

(4) Tinnomina lil Dr Mariosa Grech bħala n-nutar pubbliku biex tippubblika l-att relattiv fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza.

51. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu tlieta minn erbgħa (¾) mill-konvenut u kwart (¼) mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr